***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tal-lum il-Gimgha, 11 ta' Novembru 2016.

**Rikors Numru: 1500/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1500/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Integrated Business Systems Limited *(C* 18440)**

**vs**

**Crimsonwing p.l.c (C 42234)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' **Integrated Business Systems Limited** pprezentat fl-14 ta' Ottubru 2016 fejn gie kkonfermat bil-gurament ta' Tim Camilleri (id. 647563M):-.

Illi, s-socjeta` esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

Illi, s-socjeta` esponenti sabiex tikkawtela id-drittijiet taghha, tixtieq zzomm lis-socjeta` ntimata milli:

**1. Tuza u/jew taccessa u/jew taghti access u/jew tippermetti lil terzi juzaw jew jaccessaw il-proprjeta` tal-esponenti konsistenti f'*software* derivat mill-Dynamics NAV u li kien gie zviluppat mis-socjeta` esponenti, u cioe` *customisations* u/jew *add-ons* tal-imsemmi Microsoft Dynamics NAV zviluppati mis-socjeta` esponenti; u/jew**

**2. Tuza u/jew taccessa u/jew taghti access u/jew tippermetti lil terzi juzaw jew jaccessaw proprjeta` intellettwali, u cioe` *software*, derivata mill-proprjeta` intellettwali, u cioe` s-*software*, tas-socjeta` esponenti deskritta fil-paragrafu precedenti;**

**3. Peress li dan il-ksur tad-drittijiet tal-esponenti ghadu ghaddej, qieghed jintalab li dan ir-rikors jintlaqa' provizorjament sakemm jinghata digriet finali.**

Illi, din it-talba qed issir ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi s-socjeta` esponenti kienet toffri servizzi ta' *sofware development* lil numru ta' klijenti taghha;

2. Illi s-socjeta` esponenti kienet dahlet f' kuntratt, ossija *Solution Provider Agreement* (SPA), mas-socjeta` estera Microsoft Ireland Operations Limited li permezz tieghu s-socjeta` esponenti saret *Microsoft Dynamics NAV partner:*

3. Illi, permezz ta' dan il-ftehim ma' Microsoft Ireland Operations Limited, is-socjeta` esponenti setghet tbiegh *(re-sell)* prodotti *(software)* tal-korporazzjoni Microsoft, b'mod specifiku l-prodott bl-isem ta' "Microsoft Dynamics NAV" kif ukoll taghmel *customisations* u *add-ons* ta' dawn il-prodotti ghall-beneficcju tal-klijenti taghha;

4. Illi, fil-fatt is-socjeta` esponenti, bis-sahha fis-*Solution Provider Agreement* (SPA) u d-*Developer License* li kellha mal-Microsoft Ireland Operations Limited, kienet zviluppat diversi *customisations* ghal *Dynamics NAV,* u cioe` *software,* ossija *Enterprise Resource Planning (ERP) Solution,* li kienet tappartjeni lill-Microsoft u li din tal-ahhar kienet poggiet ghad-dispozizzjoni ta' min kien imsieheb fil-programm ta' *partnership* taghha, inkluza s-socjeta` attrici;

5. Illi s-socjeta` esponenti kienet zviluppat ukoll programm bl-isem ta' *AutoDynamics* li kienet giet registrata *mal-Microsoft bhala Add-On* tas-socjeta` attrici;

6. Illi s-socjeta` esponenti kellha success kbir fis-suq bhala provditur ta' dawn il-prodotti (u cioe` *customisation* u *add-ons* ta' *Dynamics NAV)* u kellha numru ta' klijenti ta' daqs konsiderevoli fis-suq Malti;

7. Illi, in konformita' mal-ligi dwar id-drittijiet tal-awtur *(copyright),* id-drittijiet ta' l-awtur f' dak li jirrigwarda l-*customisations* u *add-ons* maghmula mis-socjeta` attrici, kienu u ghadhom jappartjenu esklussivament lill-istess socjeta` attrici. B'rizultat ta' dan, id-dritt biex jawtorizza jew jipprojbixxi, fost l-ohrajn, l-uzu tal-imsemmija *customisations* u *add-ons,* kemm *in toto* kif ukoll *in parte, a tenur* tal-Artikolu 7 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415), kien dejjem jirrisjedi unikament mas-socjeta` attrici;

8. Illi gara li fl-4 ta' Novembru 2009, il-ftehim li s-socjeta` esponenti kellha ma' Microsoft Ireland Operations Limited gie terminat;

9. Illi f'dawn l-ahhar xhur, gie a konjizzjoni tas-socjeta` attrici illi fis-sena 2010 u wara, u cioe` wara li gie terminat il-ftehim li s-socjeta` attrici kellha ma' Microsoft Ireland Operations Limited, is-socjeta` konvenuta b'mod illegali u ntenzjonat sabiex tisraq il-klijenti tas-socjeta` attrici ghad-

detriment tal-istess socjeta` attrici, bl-ghajnuna ta' Microsoft Ireland Operations Limited u/jew is-socjeta` Microsoft Malta Limited accessat, uzat, ikkupjat, iddistribwixxiet u/jew wettqet *reverse engineering* tal-*Add-Ons* u/jew *customisations* tas-socjeta` attrici u li taghhom is-socjeta` attrici hija l-proprjetarja esklussiva tad-drittijiet tal-awtur, u permezz ta' dan komplew, u ghadha sal-lum taghti servizz lill-klijenti tas-socjeta` attrici;

10. Illi sabiex taghmel dan, is-socjeta` konvenuta sahansitra mpjegat maghha persuni li kienu mpjegati tas-socjeta` attrici u li kellhom l-gharfien u esperjenza fl-ipprogrammar (*software development*) u/jew uzu tal-programmi (*software*), ossija *Add-Ons* u/jew *customisations* hawn fuq imsemmija u li taghhom is-socjeta` attrici hija l-proprjetarja esklussiva tad-drittijiet tal-awtur;

11. Illi gie wkoll a konjizzjoni tas-socjeta` attrici illi s-socjeta` konvenuta, bl-ghajnuna tas-socjeta` Microsoft Ireland Operations Limited u/jew is-socjeta` Microsoft Malta Limited, avvicinat lill-klijenti tas-socjeta` attrici u nformawhom b'mod qarrieqi u malizzjuz illi dawn setghu jkomplu juzaw il-*customisations* kollha li kienet wettqet is-socjeta` attrici ghal Dynamics NAV daqs li kieku dawn kienu tal-imsemmija klijenti, u minghajr ma jiksbu l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` attrici kif inhu mehtieg mil-ligi, u dan billi jirrikorru ghas-servizzi taghha;

12. Illi fil-fatt hekk gara u l-klijenti tas-socjeta` attrici, ghajr numru zghir hafna, telqu lis-socjeta` attrici *stante* li l-pozizzjoni li nghatatilhom mis-socjetajiet konvenuta kienet li setghu jibqghu jigu provduti l-istess servizz li kienet qed tipprovdilhom is-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta, u kompetituri ohra tas-socjeta` attrici, nkluz l-uzu tal-istess *software* appartenenti lis-socjeta` attrici u li s-socjeta` attrici kienet zviluppat abbazi tas-Solution Provider Agreement (SPA) u d-Developer License li kellha mal-Microsoft Ireland Operations Limited (cioe` l-*cnstomisations* u l-*add-ons);*

13. Illi permezz ta' din il-manuvra illegali u ghal kollox mohbija mis-socjeta` attrici, kemm is-socjeta` konvenuta, kif ukoll is-socjeta` Microsoft Ireland Operations Limited u/jew is-socjeta` Microsoft Malta Limited ghamlu, u ghadhom jaghmlu, qligh minn fuq dar is-socjeta` attrici, bi pregudizzju ghas-socjeta` attrici u b'konsegwenza li s-socjeta` attrici ma setghetx tibqa' operattiva f'dan is-suq. Permezz ta' din il-manuvra illegali tas-socjetajiet konvenuta, s-socjeta` attrici giet b'mod illegali mcahhda mid-drittijiet esklussivi taghha tal-awtur, fosthom li tikkontrolla l-uzu u l-bejgh tal-prodotti taghha;

14. Illi l-agir tas-socjeta` konvenuta jikkostitwixxi ksur lampanti tad-drittijiet tal-awtur tas-socjeta` esponenti fil-prodotti taghha hawn fuq imsemmija, kif ukoll ksur tal-obbligi tas-socjeta` konvenuta naxxenti mill-Artikolu 42(l)(a) u/jew (b) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415);

15. Illi, *di piu`*, dawn l-azzjonijiet da parti tas-socjeta` konvenuta, jikkostitwixxu ksur tal-obbligi fiducjarji taghha *ai termini* tal-Artikolu 1124A(3) u (4) tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* illi hija kienet taf, jew kienet ragonevolment mistennija li tkun taf li l-*customisation* u/jew *Add-ons* hawn fuq imsemmija kienu l-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` esponenti u hija ma kenitx licenzjata biex taghmel ebda uzu minnha. Minkejja illi s-socjeta` konvenuta ghalhekk kellha l-obbligi li, fost ohrajn, ma taccessax, ma tuzax, ma tikkupjax, ma tiddistribwixxix u/jew twettaq *reverse engineering tal-Add-Ons* u/jew *customisations* tas-socjeta` esponenti, ghall-gwadan personali taghha, hija ghamlet bil-maqlub, u dan bl-intenzjoni li s-socjeta` konvenuta tisraq il-klijenti tas-socjeta` esponenti u tipprovdilhom is-servizzi taghha biex b'hekk tiggenera il-qligh mill-klijenti tas-socjeta` esponenti b'mod malizzjuz u illegali;

16. Illi, b'zieda ma' dan, l-ghemil tas-socjeta` konvenuta jikkostitwixxi mizapproprjazzjoni tal-proprjeta` tas-socjeta` esponenti, kif ukoll ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema azzjoni hija sanzjonabbli taht il-ligijiet kriminali u b'hekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kundannata thallas id-danni kawzati lis-socjeta` attrici;

17. Illi permezz ta' ittra interpellatorja, is-socjeta` konvenuta ntalbet tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni kawzati lis-socjeta` esponenti, izda s-socjeta` konvenuta cahdet il-pretenzjonijiet esponenti. B'hekk kellha ssir il-kawza odjerna.

18. Illi jekk tibqa' tintuza u/jew tigi accessata l-proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti u/jew proprjeta` ntellettwali derivata mis-socjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti minghajr il-kunsens taghha u minghajr il-hlas dovut lilha, kif qed jigri u ilu jigri ghal dawn l-ahhar snin *ad insaputa* tas-socjeta` rikorrenti, l-istess socjeta` rikorrenti ser tibqa' ssofri danni ngenti u pregudizzju irrimedjabbli.

**19. Illi l-kawza mibnija fuq il-premessi hawn fuq imsemmija qed titressaq kontestwalment mal-inibizzjoni *de quo*.**

Rat id-digriet tal-14 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-27 ta' Ottubru 2016, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Crimsonwing p.l.c. (C 42234) datata 18 ta' Ottubru 2016 a fol 25 tal-process fejn esponiet :-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex dan il-mandat m'huwiex mehtieg sabiex jigu mharsa l-jeddijiet tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited, ghaliex s-socjeta` Integrated Business Systems Limited m'ghandha l-ebda jeddijiet *prima facie* x'jitharsu u s-socjeta` Integrated Business Systems Limited mhix ser tbati xi pregudizzju rrimedjabbli jew illi bil-fatt illi ma jkunx

ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

2. Illi preliminarjament jigi rilevat illi d-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba' subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn li jghidu hekk :-

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

3. Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza milli ("***m`ghandhiex***") tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet;

iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

**4.** Illi b'riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna matul is-snin dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

i. Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk – "[...] *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

ii. L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti **hija obbligata** tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

iii. Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

iv. Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda.

5. Illi dan premess, s-socjeta` esponenti ser tghaddi biex tindika r-ragunijiet ghaliex skont hi ma jirrizultawx r-rekwziti mehtiega sabiex dan il-mandat jintlaqa'.

## A. Mandat mhux mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti

6 Illi l-mandat huwa ppernjat sabiex skont s-socjeta` rikorrenti jitharsu d-drittijiet tal-awtur f'dak li jirrigwarda l-*customisations* u l-*Add-Ons* maghmula mis-socjeta` attrici u d-drittijiet taghhom, skont huma jinsorgu mill-Art 7 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415), u sabiex s-socjeta` esponenti ma tagixxix bi ksur ta' xi obbligi fiducjarji li allegatament ghandha fil-konfront tas-socjeta` attrici.

7. Illi preliminarjament jigi rilevat illi ma ngiebet l-ebda prova mis-socjeta` attrici ta' liema proprjeta' intelletwali allegatament qed isir uzu minghajr permess taghha. Sar biss accenn ghall-fatt li allegatament s-socjeta` esponenti ghandha jew qed tuza xi proprjeta' intelletwali derivata mill-Dynamics NAV fil-forma ta' *customisations* u/jew *Add-Ons* izda ma ngabet l-ebda prova dwar dan. Illi certament li dan

ma jistax jkun bizzejjed ghall-hrug ta' mandat minhabba l-fatt li dikjarazzjoni unilaterali da parti tas-socjeta` attrici mhix bizzejjed li tilhaq l-oneru tal-prova *prima facie* kif rikjest mil-ligi.

8. Barra minn hekk, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma ngiebet l-ebda prova f'dan l-istadju, lanqas prova *prima facie*, li s-socjeta` ntimata qed tuza, tacessa, taghti access jew tippermetti lil terzi sabiex jaccessaw tali proprjeta' allegatament li tappartjeni lis-socjeta` attrici minghajr ma' otteniet, jekk ikun il-kaz, il-kunsens mehtieg.

9. Wiehed kien jistenna li almenu s-socjeta` attrici kienet tezebixxi s-'source code' (jew informazzjoni elettronika ohra) li allegatament hija di proprjeta' intelletwali taghha kif ukoll prova cara li tali 'source code' (i) effettivament huwa proprjeta' taghha u (ii) li effetivament qed jintuza mis-socjeta` intimata. Ghal darb' ohra ma ngiebet l-ebda prova ta' kwalunkwe tip li tikkonferma l-ezistenza' ta' xi proprjeta' intellettwali li ghadha taht il-*Private Range* tad-Dynamics Nav u li tali proprjeta' tappartjeni lis-socjeta` attrici.

10. Fuq l-istess binarju u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, ma ngiebet l-ebda prova, mqarr wahda *prima facie*, minn fejn jirrizulta li, wara li jkun pruvat li tali 'source code' huwa tas-socjeta` attrici u li tali 'source code' qed jintuza mis-socjeta` intimata, (haga li qed tkun kategorikament michuda fit-totalita' taghha mis-socjeta`

intimata), s-socjeta` intimata kkreat jew taghti access ghal xi forma ta' *software* derivanti mill-proprjeta' intelletwali allegatament zviluppata jew proprjeta' tal-esponenti.

11. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal darb' ohra ma ngiebet l-ebda prova, mqarr fuq livell *prima facie*, fejn jirrizulta li hemm xi ksur li ghadu ghaddej sal-lum, dat-drittijiet vantati mis-socjeta` attrici, fatt li wkoll qed ikun michud mis-socjeta` ntimata.

## B. Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti m'ghandhiex dawk il-jeddijiet

12. Ir-realta' hija wahda ferm differenti minn dik li qed tipprova tpingi s-socjeta` esponenti fir-rikors taghha u li a bazi ta' liema qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jinhareg dan il-mandat.

13. Is-socjeta` ntimata ilha ghal hafna snin nvoluta fil-*business* tad-Dynamics NAV u hija rikonuxxuta bhala *partner* ufficjali ta' Microsoft, id-ditta li hija l-proprjetarja tad-Dynamic NAV. Is-socjeta` ntimata hija f'dan in-negozju ghal numru ta' snin twal u s-successi taghha f'dan il-qasam huma biss ir-rizultat tal-gharaq ta' xbinha u mhux ir-rizultat ta' xi serq jew abbuz iehor, kif tipprova ssostni s-socjeta` attrici.

14. Illi ghandu jibda billi jigi rilevat illi s-socjeta` attrici kienet rikonoxxuta bhala official Dynamic Partner minn

Microsoft u li kienet ukoll inghatat id-dritt minn Microsoft sabiex tipproduci *customisations* u *add-ons* ta' Dynamic Nav u dan bis-sahha tal-ftehim tat-tip Solution Provider Agreement (SPA) li kellha ma' Microsoft Ireland Operations Limited u li bis-sahha ta' liema kienet inghatat *Developer Licence* da parti tal-imsemmija Microsoft Ireland Operations.

15. Illi madanakollu dan il-ftehim mas-socjeta` attrici kien gie tterminat minhabba ksur konsistenti u rikorrenti da parti tal-istess socjeta` attrici kontra l-interessi ta' Microsoft kif ukoll tal-klijenti stess tas-socjeta` attrici fejn dawn kienu gew ingannati mis-socjeta` attrici stess. Ir-rikors mfassal mis-socjeta` esponenti jitkellem biss b'mod telegrafiku illi l-SPA, u kull forma ta' ftehim iehor li kien jezisti bejn Microsoft u s-socjeta` attrici, kien gie tterminat izda ma jispecifikax illi tali relazzjoni giet fi tmiema ghal ragunijiet imputabbli biss lis-socjeta` attrici stess. Dan kien wassal sabiex Microsoft tiehu d-decizjoni biex tittermina r-relazzjoni li kellha mas-socjeta` attrici, mhux biss biex tissalvagwardja l-interessi taghha, kif kellha kull dritt kontrattwali u legali biex taghmel, izda ukoll biex tipprotegi l-klijenti li kienu juzaw il-prodotti tad-Dynamics NAV mixtrija jew licenzjati tramite s-socjeta` attrici bhala *authorised reseller.*

16. Illi bhala rizultat tat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim s-socjeta` attrici kienet tilfet l-i*status* taghha ta' *partner* tas-socjeta` Microsoft. Illi b'konsegwenza ta' dan, numru ta'

klijenti lokali ta' Microsoft li kienu orignarjament xtraw licenzji, jew hasbu li xtraw licenzji, *tramite* s-socjeta` attrici, litteralment sfaw iltiema ghaliex kienu ser jispiccaw minghajr *partner* lokali li seta' jassistihom fil-htigijiet ta' manutenzjoni jew support li kellhom bzonn fuq il-prodotti tad-Dynamics NAV. Dawn il-klijenti ltiema ma kellhom ebda ghazla ohra hlief li jibdew jahdmu ma' partners lokali ohra li kienu rikonoxxuti minn Microsoft. Dan kollu huwa xejn hlief ir-rizultat dirett ta' l-agir abbuziv u illegali tas-socjeta` attrici stess kontra l-interessi ta' Microsoft kif ukoll tal-klijenti li originarjament "kienu taghha".

17. Illi bhala konsegwenza ta' dan il-fatt s-socjeta` esponenti, bhala 'authorised partner' ta' Microsoft, bdiet taghti servizzi taghha lil uhud minn dawk il-klijenti li sfaw iltiema kagun tal-agir abbuziv tas-socjeta` attrici. Illi n-natura ta' servizzi li kienet toffri s-socjeta` esponenti kien dak ta' *ad hoc support* u cioe` li ssewwi *bugs,* tirrispondi ghall-mistoqsijiet, timplementa rikjesti ghat-tibdiliet u li taggorna (*updating)* ta' core NAV Solutions. Illi ghalhekk, ix-xoghol kollu tas-socjeta` esponenti kien iccentrat madwar l-ghoti ta' servizzi u ma rrizultax fi kreazzjoni ta' ebda drittijiet t'awtur ghal Crimsonwing.

18. Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess, jigi rilevat illi, u b'riferenza ghall-element ta' nuqqas ta' drittijiet *prima facie* tas-socjeta` attrici jigi rilevat illi wara li l-ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Microsoft gie tterminat, l-unika wiehed mill-ex klijenti tas-socjeta` attrici li beda jkun

supported minn Crimsonwing u li kien juza Autodynamics kien Unicar. Tajjeb li jkun rilevat f'dan l-istadju izda illi Unicar kienet gabet il-kunsess specifiku mis-socjeta` attrici sabiex Unicar tkun tista' tkompli tuza tali *software* kif ukoll illi tibda tuza s-servizzi ta' terzi biex tkun tista' tkun *supported*. Dan il-kunsens inghata direttament minn Timmy Camilleri, proprejetarju tas-socjeta` attrici, permezz ta' *e-mail* mibghut lil Unicar fil-bidu tal-2015 u qed ikun hawn anness bhala DOK CW1 u permezz ta' liema Unicar stess kien ottjena l-awtorizzazzjoni minghand s-socjeta` attrici sabiex jkun jista' jmexxi l-oggetti li kienu koperti bi proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici mill-hekk imsejha *Private Range* ghall-*Public Range* jew "open granule".

19. Ta' min jinnota wkoll illi dan id-dokment CW1 jipprova bl-iktar mod lampanti kemm il-verzjoni tas-socjeta` attrici mhix veritiera u cioe` illi din kienet taf illi, fid-dawl ta-terminazzjoni tal-ftehim li kien hemm viggenti bejnha u bejn Microsoft, u dan ghal ragunijiet imputabbli biss fuq is-socjeta` attrici, din ta' l-ahhar kienet ferm konsapevoli tal-fatt li l-klijenti taghha kienu sfaw iltiema u kellhom jsibu soluzzjoni ta' kif jistghu jkunu supporti minn terzi *authorised partners* ta' Microsoft. Kieku dan ma kienx il-kaz, kieku anke fil-bidu tal-2015, s-socjeta` attrici kienet tikkunsidra t-talba minghand Unicar bhala xi forma ta' serq minn socjetajiet terzi u kienet tipprocedi legalment kontrihom. Li gara izda huwa li mhux biss ma kkunsidratx tali agir bhala serq izda tat il-kunens taghha. Illum il-gurnata l-verzjoni tas-socjeta` attrici tidher li nbidlet konsiderevolment tant li

takkuza s-socjeta` esponenti, flimkien ma' Microsoft, ta' serq ta' klijenti, serq ta' mpjegati u li wasslu ghall-kollass tan-negozju tas-socjeta` attrici. Il-fatti izda huma illi kienet is-socjeta` attrici li waqqghet il-gebla fuq saqajha hi stess u li ma ta l-ebda triq ohra lil Microsoft biex tittermina r-relazzjoni li kellha maghha.

20. Illi inoltre u minghajr pregudizzji ghas-suespost, ghandu jigi sottolineat illi s-servizzi kollha li toffri s-socjeta` esponenti kienet toffrihom fuq l-hekk imsejha *Public Range* u cioe` fuq prodotti li dwarhom s-socjeta` Microsoft kienet toffri licenzja miftuha biex socjetajiet ohrajn li kienu *partners* taghha, bhal ma hi s-socjeta` esponenti, tkun tista' toffri servizzi relattivi ghal dawn il-prodotti lill-klijenti ta' Microsoft. Dawk il-prodotti li huma offruti minn Microsoft fuq *Public Range* huma accessibbli minn kull *partner* ta' Microsoft li l-klijent ta' Microsoft jiddeciedi li juza xi wiehed mill-prodoti li jgawdu minn tali licenzja.

21. Illi dan premess allura, huwa palesi illi s-socjeta` esponenti qatt m'aggixxiet bl-ebda skop biex *tisraq il-klijenti tas-socjeta` attrici* u dan ghaliex il-Klijenti taghha, gialadarba gew a konjizzjoni tal-fatt illi dik is-socjeta` ma kienetx ghadha partner ta' Microsoft, tabilfors kellhom jirrikjedu assistenza minghand haddiehor, u dan rizultat tal-agir tas-socjeta` attrici stess.

22. Illi inoltre, huwa manifestament ikkuntestat bhala inveritier illi s-socjeta` esponenti *accessat, uzat, ikkupjat,*

*iddistribwiet u/jew wettqet reverse engineering tal-Add Ons u/jew customisations tas-socjeta` attrici.* Kull m'ghamlet s-socjeta` esponenti kien illi pprovdiet assistenza lill-klijenti tas-socjeta` Microsoft fuq core *products* tad-Dynamics Navision u mhux fuq proprejeta' ta' haddiehor. Jigi ribadit illi ma kien hemm l-ebda *intellectual property* gdid generat mis-socjeta` esponanti li kien rizulatat tas-servizzi li hija taghti lill-klijenti taghha li juzaw jew kienu juzaw Dynamics NAV.

23. Illi maghdud ma' dan, jekk hemm xi impjegati li gew ingaggjati mis-socjeta` esponenti wara li dawn hallew l-impjieg taghhom minn mas-socjeta` attrici, dan bl-ebda mod ma sar bl-intiza illi s-socjeta` esponenti tisraq xi drittijiet tal-awtur li tista' tivvanta s-socjeta` attrici. Kull ingagg li jsir mis-socjeta` esponenti, li sa ftit tax-xhur ilu kienet sahansitra ikkwotata fil-Borza ta' Malta, jrid ihares b'mod assidwu lejn il-varji regolamenti u prassi (kemm interni kif ukoll rizultanti min-natura tas-socjeta` esponenti bhala socjeta` kkwotata fil-Borza) ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' *recruitment.* Fil-fatt *full* reklutagg isir biss wara sejha pubblika jew 'recruitment call'. Huwa assurd illi s-socjeta` attrici tghid mod iehor. Iktar minn hekk, wiehed ma jistax jinnota li kienu l-ex impjegati tas-socjeta` attrici li fethu proceduri legali kontriha ghaliex dawn kienu baqghu ma thallsux ta' xogholhom. Ara dokument CW2 bhala prova ta' dan. Is-socjeta` attrici izda kwazi taghti biex tifhem illi ghandha xi dritt sakrosant biex (i) ma tonorax l-obbligi legali taghha lejn l-impjegati taghha stess, (ii)

tikkonsidra tali impjegati bhala 'proprjeta' taghha u (iii) tikkonsidra li jekk dawn l-impjegati jifthu ghajnejhom u jmorru jahdmu band' ohra, dan ikun biss rizultat ta' serq mill-kompetituri taghha.

24. Dan maghdud u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` esponenti m'ghandha assolutament l-ebda obbligi fiducjajri fil-konfront tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` esponenti m'ghandha l-ebda obbligu li thares l-interessi tas-socjeta` attrici, inoltre, ma zzomm, jew terzercita l-ebda setghat ta' disponiment fuq proprjeta' a beneficcju tas-socjeta` attrici u mhix vestita bhala s-sid ta' dik il-proprjeta' u lanqas ma tircievi taghrif minghand s-socjeta` attrici bid-dmir tal-konfidenzjalita'.

25. Illi inoltre, minn imkien mill-att promotur ma jirrizulta illi kif u jekk s-socjeta` esponenti taghmel uzu minn dawn il-*customisations* jew Add-Ons, din ser tkun qed ssofri danni ngenti u pregudizzju irrimedjabbli.

## C. <u>ILLI BIL-FATT ILLI MA JKUNX ORDNAT IL-HRUG TAL-MANDAT, MA JIRRIZULTAX ILLI IL-PREGUDIZZJU LI GARRAB IR-RIKORRENTI JKUN IRRIMEDJABBLI.</u>

26 Illi bid-dovut rispett lejn is-socjeta` attrici, minn imkien mir-rikors promotur ma jirrizulta jekk, u kif din ser tkun qed iggarrab xi pregudizzju, ahseb u ara kemm ser tkun qed iggarrab xi pregudizzju rrimedjabbli.

27. Barra minn hekk, u minghajr pregudizzju ghall-premess, skont ma jirrizulta mill-kopja tal-*e-mail* hawn annessa bhala CW1, is-socjeta` attrici mhux talli kienet konsapevoli tal-agir tas-socjeta` esponenti, talli tat il-kunsens taghha ghall-istess, u dan kwazi sentejn ilu fejn hi tat il-kunses taghha biex certu 'code' jiccaqlaq ghal 'open granule'. Dan jwassal wiehed biex necessarjament jistaqsi x'jista' jkun il-pregudizzju rrimedjabbli li ser tkun qed ssofri s-socjeta` attrici, llum sitt snin wara li kien gie tterminat il-ftehim li kellha mas-socjeta` Microsoft, u kwazi sentejn wara li tat il-kunsens taghha li s-socjeta` esponenti tipprovdi servizzi fuq il-*customisations* taghha.

28. Inoltre, jekk verament kellu jirrizulta li kien hemm xi agir pregudizzjali mis-socjeta` esponenti, dan jintitola lis-socjeta` ghall-hlas ta' danni u dan skont ma jigi determinat f'kawza eventwali, li jfisser li m'hemm l-ebda irrimedjabbilita' ghal xi pregudizzju li ser tkun qed issofri s-socjeta` attrici.

29. Illi ghal konferma ta' varji punti li qed jigu hawn indikati, qed jigi anness DOK CW3 fil-forma ta' affidavits ta' ufficjali gholja tas-socjeta` esponenti.

30. Wiehed ma jistax ma jinnotax li tali azzjoni qed tittiehed mis-socjeta` attrici mhux biss fil-konfront ta' Crimsonwing izda wkoll separatament kontra Exigy Ltd (ara Kawza 925/16/MCH kif ukoll Mandat numru 1501/16/1) kif ukoll kontra Microsoft stess (ara Kawza

924/16/MCH). Fl-umli fehma tas-socjeta` esponenti tali agir m'hu xejn ghajr krucjata ta' vendikazzjoni kontra l-industrija tal-informatika f'Malta min-naha tas-socjeta` attrici li, wara li kienet imwaqqfa minn Microsoft milli tkompli tisraq kemm lil Microsoft kif ukoll lill-klijenti taghha stess, din ma sabet l-ebda triq ohra milli tipponta subajghha lejn haddiehor bhala gustifikazzjoni tan-nuqqasjiet taghha stess u li wasslu unikament ghall-kolass ta' l-istess negozju taghha.

31. Illi dan kollu premess, wiehed ma jistax ma jirrimarkax illi jekk Integrated Business Systems Limited kellha xi dritt li tipproduci xi proprjeta' intelletwali li qed tippretendi li ghandha, dan kien biss rizultat tal-fatt illi fi zmien kienet *authorised partner* ta' Microsoft. Gialdarba dak il-ftehim gie tterminat minn Microsoft, u gialadarba l-klijenti li qabel kienu ta' Integrated Business Systems Limited, dawn ma setghu qatt ghamlu ghazla li jahdmu b'Integrated Business Systmes Limited jekk mhux ghax dawn kellhom *partnership* ma Microsoft liema *partnership* illum m'ghadhiex tezisti. Dan allura ghandu jfisser illi l-klijenti kollha s-socjeta` attrici qed tallega li tilfet jew li serqitilhom s-socjeta` esponenti qatt ma telqu minghandhom hlief ghaliex Integrated Business Systems Limited ma kienetx baqghet *partner* ta' Micorsoft u ghaliex huwa maghruf illi l-klijent jdur ghand, u l-ebda kumpanija zghira, meta mqabbla ma' Microsoft, li xi darba l-Microsoft tkun ghazlet li tkun *partner* taghha. Huwa ghalhekk ghandu jkun ovvju illi ladarba kienet il-Microsoft bhala d-ditta principali li toffri dawn it-tip ta' prodotti, u kienet l-istess

Microsoft li tterminat il-*partnership agreement* mas-socjeta` attrici ghax din ta' l-ahhar kisret b'mod lampanti dan il-ftehim, tant li Microsoft waslet biex tkecciha, kwalunkwe danni li tista' qatt tippretendi li soffriet s-socjeta` rikorrenti tista' titlobhom biss u unikament minghand Microsoft, kif fil-fatt ghamlet; dan billi diga' fethet kawza kontra l-Microsoft fuq ezattament l-istess premessi illi fethet kontra s-socjeta` esponenti u ohrajn, b'dan illi d-danni li tista' talvolta tircievi permezz ta' sentenza, tista' tircevihom darba wahda biss, u mhux tliet darbiet kif donnha qed tippretendi meta fethet tliet kawzi, kontra tliet persuni differenti, u fuq ezattament l-istess cirkostanzi. Jekk kien hemm xi ksur ta' dak il-ftehim li ta' lok ghad-danni, dan huwa *res inter alios acta* ghas-socjeta` esponenti. Konsegwentement, il-hrug ta' dan il-mandat fil-konfront tas-socjeta` esponenti m'hu xejn ghajr agir kompletament vessatorju da parti tas-socjeta` attrici ghaliex, anke fl-ipotezi illi din kellha tkun intitolata ghall-hlas tad-danni, m'hemmx dubju illi l-ebda agir tas-socjeta` esponenti ma seta' qatt ikkaguna dannu, jew pregudizzju rrimedjabbli lis-socjeta` attrici.

32. Inoltre huwa ben saput illi l-Microsoft ghandha valur fis-swieq internazzjonali ta' biljuni enormi ta' dollari sabiex fl-eventwalita' li l-kawza li fetah kontriha, fejn talab lill-Qorti tillikwida d-danni minnha sofferti minhabba dak li allegat ghamlet mieghu, huwa guridikament impossibbli illi dawn id-danni ma jirnexxilux jirkuprahom minghandha f'kaz li jirbah il-kawza. Pero' minghand il-Microsoft ghandhu jirbah dawn l-eventwali danni, mhux minghand tliet persuni

differenti u fuq l-istess ammont li jista' talvolta jigi llikwidat favuriha.

33. Biex wiehed jaghti ezempju: *mettiamo caso* illi Titio qed jippretendi li Sempronius ikkagunalu danni ta' €50,000. Titio jintavola mandat ta' sekwestru kontra Sempronius mal-banek kollha ta' Malta. Sempronius ghandu €50,000 jew izjed fil-banek kollha ta' Malta. Titio, biex jivvessa lil Sempronius, meta jaf li f'wiehed minn diversi banek hemm flus bizzejjed ta' Sempronius biex ikopru t-talba ghad-danni ta' €50,000 xorta wahda jinsisti li jzomm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru mal-banek kollha sabiex jekk hemm ghaxar banek, huwa biex jivvessa lil Sempronius icahhdu mill-uzu ta' €500,000 minflok il-€50,000 li qed jitlob bhala danni. Hekk qed taghmel is-socjeta` attrici, u ghalhekk m'ghandhiex tithalla tabbuza mid-dritt legali taghha kif moghti mil-Ligijiet ta' Malta, ghall-unika raguni li izjed ma tiftah kanuni kontra kulhadd, iktar tahseb li tista' tghaddiha lixxa biex minghaliha tiehu dak li m'ghandhiex u ggieghel lil min m'ghandux x'jaqsam ibaxxi rasu. Anke ghal din ir-raguni biss, din il-Qorti ghandha tichad il-konferma tal-hrug ta' dan il-mandat.

34. Ghaldaqstant u tenut kont tal-premess, m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex dan il-mandat ghandu jigi milqugh minn din l-Onroabbli Qorti ghaliex dan il-mandat m'huwiex mehtieg sabiex jigu mharsa l-jeddijiet tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited, ghaliex s-socjeta` Integrated Business Systems Limited m'ghandha

l-ebda jeddijiet *prima facie* x'jitharsu u s-socjeta` Integrated Business Systems Limited mhix ser tbati xi pregudizzju rrimedjabbli milli bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

Daqstant ghandha x'tissottometti s-socjeta` esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Adrian Camilleri ghas-socjeta` rikorrenti. Deher Dr Antonio Ghio ghas-socjeta` intimata. Il-Qorti awtorizzat x-xhieda ta' Timothy Camilleri, rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, liema xhieda ghandha tghodd ukoll ghal fini taz-zewg rikorsi l-ohra Nru 35 u 38 fuq il-lista tal-lum. Xehed bil-gurament tieghu Timothy Camilleri, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Xehed in kontro-ezami James Bonello, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Adrian Camilleri rrinunzja ghall-kontro-ezami tax-xhieda taz-zewg affidavits l-ohra, billi huma identici ghal dak ta' James Bonello. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u> :

Illi permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta` rikorrenti qed titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex is-socjeta` intimata Crimsonwing p.l.c. tigi inibita milli tuza u/jew taccessa u/jew taghti access u/jew tippermetti lil terzi juzaw jew jaccessaw il-proprjeta` tal-esponenti konsistenti f'*software* derivat mill-Dynamics NAV u li kien gie zviluppat mis-socjeta` esponenti, u cioe` *customisations* u/jew *add-ons* tal-imsemmi Microsoft Dynamics NAV *stante* li kien zviluppat mis-socjeta` rikorrenti.

Illi s-socjeta` intimata opponiet billi, gie eccepit li s-socjeta` rikorrenti ma rnexxilliex tipprova r-rekwiziti mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni a tenur tal-artikolu 873 tal-Kap 12, billi ma ppruvawx li s-socjeta` Integrated Business Limited ghandha *prima facie* jedd, u lanqas ma ppruvaw li l-allegat agir tal-intimati hu ta' pregudizzju irremedjabbli ghas-socjeta` rikorrenti. Illi gie eccepit li l-*prima facie* jedd ma jezistix peress li s-servizzi in kwistjoni kienu offerti fuq "Public Range", u cjoe` Microsoft kienet toffri licenzja miftuha lill-klijenti l-ohra li kienu *partners* taghha, kull m'ghamlet is-socjeta` intimata, hu li tat assistenza biex klijenti lokali li kienu gja klijenti tas-socjeta` rikorrenti, ma jispiccawx iltiema ladarba, l-ftehim bejn Microsoft u s-socjeta` rikorrenti kien spicca. *In vista* ta' dan, gie sostnut li ma gie ppruvat l-ebda jedd da parti tas-socjeta` rikorrenti biex turi fuq bazi *prima facie* li s-*software* in kwistjoni kien jappartjeni lilha, u li dan effettivament intuza mis-socjeta` intimata.

**Fatti:**

Illi Integrated Business Systems Limited sostniet li kellha ftehim ma' Microsoft Ireland (*Solution Provider Agreement - SPA)* liema ftehim gie terminat fl-4 ta' Novembru 2009. Skont dan il-ftehim setghet tbiegh prodotti bl-isem *Microsoft Dynamics NAV* kif ukoll taghmel *customisations* u *add-ons* ta' dawn il-prodotti. Illi tghid li zviluppat programm "Auto Dynamics" li kienet giet registrata mal-Micsrosoft bhala *Add-On* tas-socjeta` rikorrenti. Dan il-mandat jirrigwarda l-*customisations* u *add-ons* li s-socjeta` rikorrenti tippretendi jappartjenu lilha.

Illi kompliet tissottometti li wara din it-terminazzjoni, Microsoft Ireland estendiet l-uzu tal-licenzja b' detriment ghas-socjeta` rikorrenti li permezz ta' dawn il-manuvri, giet imcahhda mid-drittijiet esklussivi taghha ta' awtur. Gew esebiti Dok A serje ta' korrispondenza b'e-mails. Intbaghtet ittra interpellatorja Dok B u kif ukoll sar protest gudizzjarju mis-socjeta` rikorrenti Dok C.

Izda, l-fatti kif promossi mir-rikorrent huma kkontestati mis-socjeta` intimata bhala mhux veritieri. L-intimata targumenta li wara li gie terminat il-ftehim li kellha s-socjeta` rikorrenti ma' Microsoft, halliet klijenti lokali ta' Microsoft iltiema *stante* li ma setghux juzaw il-licenzja u ghalhekk, is-socjeta` intimata assistiet lil Microsoft biss billi sewwiet "bugs", wiegbet mistoqsijiet, u ghamlet "updates"

ta' NAV solutions b'ebda kreazzjoni ta' dritijiet ta' awtur ghal Crimsonwing p.l.c.

**Provi:**

**Timothy Camilleri**, Direttur tas-socjeta` rikorrenti qal is-socjeta` rikorrenti kellha ftehim (Solution Provider Agrement) ma' Microsoft Ireland, u kienu jaghmlu "customisation" fuq il-Microsoft Dynamics Nav. Semma wkoll li kienu zviluppaw "Add-on" imsejha "Auto Dynamics" ghax kienu hadu kuntratt ma' Pater u *sales distributers* ohra f' Malta. Qal li s-socjeta` rikorrenti bhala partner ta' Microsoft kien ikollha access ghas-*software*, u biex jipprotegi l-interessi tieghu dahhal klawsola fil-kuntratt mal-klijenti fejn kien intqal kull *"customisation*" barra dak li jappartjeni ghal- Microsoft hi ta' IBS Ltd.

Qal li l-"customisations" li kien ghamel hu ghadhom qed jintuzaw minn kumpaniji lokali, fosthom Golden Harvest u Falzon Service Station, ghaliex biex ma jintuzawx li jrid isir hu, li jitnehhew u jigi nstallat *standard division*. Qal ukoll, li fir-rigward tal-"customisations" ma kienx hemm bzonn ta' *reverse engineering*, izda fir-rigward tal-"add-ons" iva.

In **kontro-ezami** qal li l-programm li ghamlet IBS Ltd. Auto Dynamics, kien *a dealer management system* ghall-*dealers* tal-karozzi gie rikonoxxut minn Microsoft, u l-licenzja tieghu giet estiza. Qal li fir-rigward ta' *"customisations"* m'hemmx bzonn tirregistrahom, izda fir-rigward ta' "*add-ons*" hemm bzonn li jigu rregistrati.

Ghalhekk, hu aktar car li hemm drittijiet intelletwali separati fuq l-*add-ons*. Qal li hu qatt ma kellu ftehim kontrattwali ma' Crimsonwing. Cahad li fl-2015, nghata l-kunsens lil Crimsonwing biex tisservisja l-*add-on* li kien jintuza minn Unicar. Spjega li kien inghata permess lil Unicar biex jisservisjaw skont il-bzonnijiet, imma l-*add on* ma setghetx tintuza ghall-bzonnijiet taghhom. Qal li l-ilment taghhom dwar Crimsonwing hu li komplew juzaw "customisations" ta' IBS Ltd. Qal ukoll li "add-on" ma jkunx imsakkar b'cavetta u ghalhekk hu aktar accessibli. Ghad-domanda kif il-*customisation*s ikun jidhru li jappartjenu lil xi hadd partikolari, billi jkun hemm dawk l-imsejha "comments" fejn il-*code*, li f'dan il-kaz ma giex esebit.

**Pierre Zammit,** Direttur tas-socjeta` Crimsonwing plc xehed b'affidavit (fol 40-41) u qal li ex klijenti tas-socjeta` rikorrenti spiccaw iltiema meta spicca l-kuntratt tas-socjeta` rikorrenti ma' Microsoft, peress li kellhom prodotti marbuta ma' Dynamcis NAV u ma kellhomx ma' min jaghmlu kuntatt lokalment. Spjega li r-rwol taghhom kien ghalhekk, li jaghtu *ad hoc support*, jaghmlu u*pdates*, u jsewwu *bugs*, lil kumpaniji li kienu juzaw il-*core* tad-Dynamics NAV, li zgur ma kinitx proprjeta` intellettwali ta' IBS Ltd. Semma li s-socjeta` Crimsonwing hi attenta hafna u tirrispetta d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali involuti biex tara li ma tkunx qed tikser id-drittijiet tal-awtur. Qal ukoll li l-unika klijent ta' Crimsonwing plc li hu ex-klijent ta' IBS Ltd hu Unicar Hire Services Limited, li juza l-Auto Dynamics, li jafu

li din il-kumpanija ottjeniet id-dritt li tuza dan is-*software* mis-socjeta` rikorrenti. Dan gie korroborat minn **Stephen Abela** Direttur ta' Crimsonwing plc li xehed permezz ta' affidavit (fol 44-45) kif ukoll minn **James Bonello** Direttur tas-socjeta` Crimsonwing plc xehed permezz ta' affidavit (fol 42-43).

In **kontro-ezami** James Bonello qal li jaqbel li IBS Ltd. kellha ftehim ma' Microsoft. Semma li Crimsonwing bdiet topera fl-2007, u kienu jbieghu wkoll id-Dynamics Nav, kull min kien *partner* ma' Microsoft kien ibiegh dan il-prodott u jaghmel il-*"customisations"* tieghu. Qal li mhux necessarjament, l-"customisations" jew "add-ons" jibqghu proprjeta` ta' min jikkreahom. Semma li numru ta' klijenti li kellha IBS Ltd. gew ghandhom, wara t-terminazzjoni tal-ftehim ta' IBS Ltd. ma' Microsoft. Qal li r-rwol ta' Crimsonwing, kien biss bhal ta' *mechanic* ta' karozza, u f' xi drabi tbiddel il-*code* biex jaghtu servizz lill-klijent. Semma specifikatament li kienu talbu l-permess ta' IBS Ltd. biex imissu *code* wiehed biss dan ghaliex kien f'l hekk imsejjah "Private Range". Meta tintalab din l-awtorizzazzjoni, l-IP jigi rinunzjat, sabiex *partner* iehor ikun jista' jissapportja s-sistema. Hu kkonferma li fl-esekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet l-unika "Add-on" registrata f'isem IBS Ltd. kienet "Auto Dynamics".

**Dritt:**

Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda

approfondita imma limitatat ghall-apprezzament, fuq bazi *prima facie*. Dwar il-konformita` tar-rikors mal-kriterji espress fil-ligi, u cjoe` fl-artikolu 873(1) tal-Kap 12.

Difatti, skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12,** l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, fil-kaz **Mugliette vs Bonnici**, deciz mill-P.A. fil-25 ta' Jannar 2005 inghad;

*"Illi bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher, li ghandu mad-daqqa t' ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet.*

---

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

*Minn kliem il-ligi nfisha iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."*

Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici dffikulta`, disagju jew thassib (Ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378). Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

*In vista* tal-principji assodati fil-gurisprudenza, il-kriterji stabbiliti huma oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fiz-zmien

meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertatat u stabbilita.

Tenut kont tal-fatt li s-subinciz (2) huwa marbut mas-subinciz (1) tal-artikolu 873 tal-Kap 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrent, il-grad ta' pregudizzju rikjest ghall-hrug tal-mandat irid ikun pregudizzju irrimedjabbli.

F'dan il-kuntest, jekk il-pregudizzju jitratta f'telf pekunarju, u cjoe` f'telf ta' flus, dan ma jitqiesx bhala pregudizzju irrimedjabbli. Difatti fil-kaz **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et**, (JRM) - 13 ta' Mejju 2014, inghad:

*"Tqis illi huwa wkoll mizmum li l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta' min jitlob tkun wahda li tirreferi ghal kumpens kwantifikabbli u hlas ta' danni meta dan jista' jithares b'rimedju procedurali kawtelatorju iehor skont il-ligi."*

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li jekk l-inkonvenjent jew dak lamentat jista' jitnehha b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat (Ara **Av. Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** noe. P.A. – 2 ta' Jannar 1993).

Jigi ritenut ukoll, li din hija mizura ta' natura eccezjonali, b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef ghal-dejjem. (Ara **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** P.A. (JRM) deciza fil-25 ta'

Jannar 2005; u **40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**", P.A. (RCP) – 2 ta' Novembru 2010).

Premess ukoll li dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat. (artikolu 873(2) tal-kap 12) – Ara – "**Mary Borg vs Kummissarju tal-Artijiet**"- P.A. (JRM) - 15 ta' Dicembru 2008, "**The Golden Sheperd Group Limited vs Enemalta Corporation**" (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009), u **Jeffrey Farrugia vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et** P.A. (JZM) – 18 ta' Frar 2013.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. L-analizi li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, hu jekk l-agir li qed jilmenta minnu r-rikorrent jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li ghandu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd '*Prima facie*':**

Is-socjeta` rikorrenti qed tikkampa fuq il-principju tad-Drittijiet tal-Attur, u tikkontendi li ghandha l-jedd tipprotegi l-proprjeta` intelletwali naxxenti mill-**Artikolu 7 tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415)**. Min-naha l-ohra, l-intimati sostnew anke fit-trattazzjoni li t-talbiet rikorrenti huma vagi u ma jaghtux lok ghall-protezzjoni tal-proprjeta` intellettwali ladarba ma jigix stabbilit li l-jedd hu *prima facie* tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat li l-**Kap 488 hu l-Att li Jirregola l-infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali** u skont l-artikolu 2 "drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali" tfisser dawk id-drittijiet moghtija taht l-att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, fost ohrajn. L-**artikolu 7 tal-att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415)** jiddisponi li: "*Id-drittijiet tal-awtur,………. - jkunu d-dritt esklussiv li jawtorizza jew jiprojbixxi l-ghemil f' Malta dwar il-materjal protett fit-totalita` tieghu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-ghamla orignali tieghu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingharaf sew mill-original ta' wiehed minn dawn li gejjin:*

*a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u b'kull ghamla, ghal kollox jew f'parti minnu."*

L-ewwel kostatazzjoni li ghandha ssir hi jekk is-socjeta` rikorrenti fil-fatt hijiex l-uniku sid tal-proprjeta` intelletwali u

cjoe` *software* konsistenti f'*customisations* u *add-ons* hekk kif deskritt fir-rikors promotur. Illi ma gie esebit l-ebda dokument li juri li l-proprjeta` intellettwali in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta` rikorrenti.

Illi difatti s-Solution Provider Agreement li r-rikorrenti ghandha ma' Microsoft Ireland ma giex esebit. Fit-trattazzjoni sar accenn ghall-*Public Domain* u *Private Domain*, ghall-*customisations* u *codes* u ghall-Add-ons. Difatti *add-on* wiehed biss gie identifikat u cioe` l-programm bl-isem *Auto Dynamics.*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*customisations*, jigi senjalat li dan il-jedd *prima facie* huwa mnissel proprju mir-rekwizit li r-rikorrent irid juri li jezisti d-dritt u li d-dritt jappartjeni lilu. Dak esebit bhala **Dok A**, huma sensiela ta' *e-mails* bejn is-socjeta`jiet kontendenti, fejn ir-rikorrenti sostnew li bl-agir tal-intimati, gew lezi d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk, gie sottomess li dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti u ksur tal-obbligi tas-socjeta` intimata naxxenti mill-artikolu 42(1)(a) tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415). Illi gie allegat ukoll, li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi xi ksur tal-obbligi taghhom naxxenti mill-Artikolu 1124A tal-Kap 16. Sahansitra, fil-kaz in ezami, s-socjeta` rikorrenti sostniet li l-agir tas-socjeta` Crimsonwing plc tammonta ghal mizapproprjazzjoni tal-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, li jammontaw ghall-ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat li dawn l-allegazzjonijiet, insinwazzjonijiet u argumenti huma ferm kapzjuzi, ladarba ma' gie esebit l-ebda ftehim. Illi drittijiet u obbligazzjonijiet jemanu minn kuntratt li jkun sar bejn il-partijiet, u ladarba din il-Qorti mhix rinfaccjata bi prova konkreta dwar dan il-ftehim, li s-socjeta` rikorrenti kellha ma' Micrososft Ireland, ma tistax tiddeciedi dwar min ghandu l-jedd u d-dritt u minn ghandu l-obbligazzjonijiet imsemmija. Inoltre`, fil-mankaza ta' prova hekk essenzjali ma jistax jinghad li hemm ksur lampanti ta' dak miftiehem bejn il-partijiet. Jigi dedott, li s-serje ta' e-mails ma jikkostitwixxux prova sufficjenti rigward il-jedd pretiz.

Illi saret distinzjoni bejn "customisations" u "add-ons". Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li l-ilment taghha jkopri t-tnejn li huma *stante* li d-dritt tal-awtur hu fuq kollox. Fil-kaz ta' "add-ons" irrizulta mill-provi, li hemm qbil li dawn huma l-proprjeta` intellettwali ta' min jikkreahom. Irrizulta li b'distinzjoni ghal "customisations", l-*add-ons* huma aktar accessibli, u jkunu wkoll registrati.

F'dan il-kuntest, jigi osservat li din il-Qorti hi rinfaccjata b'karenza ta' prova. Illi ladarba dawn l-"add-ons" huma registrati ta' min huma, hekk kif ikkonfermat minn Timothy Camilleri stess fix-xhieda tieghu, jigi nnutat li ma giet esebita l-ebda prova mis-socjeta` rkorrenti f'dan ir-rigward. Illi ghalkemm l-"add-on" ta' Auto Dynamics tista' tkun tappartjeni lis-socjeta` I.B.S. Limited, hekk kif ndikat fl-e-mail rigward ir-rinunzja tal-IP esebita mar-risposta, meta sar *servicing* lil Unicar li kien ex klijent tas-socjeta`

rikorrenti, din il-Qorti ma tistax tilqa' dan il-mandat ghax is-socjeta` rikorrenti ma ppruvatx il-jedd *prima facie* taghha fuq l-"add-ons". L-avukat difensur tas-socjeta` intimat, fit-trattazzjoni indika li l-ebda certifikat jew ftehim fuq l-"add-ons" ma gie esebit, la mal-Microsoft u lanqas mal-klijenti.

Illi anke li kieku kellha taccetta li l-proprjeta' ghall-*add-on* gie ppruvat *prima facie,* jirrizulta li l-IBS ikkonceda lill-klijent Unicar id-dritt ghall-uzu ta' dan l-*Add-on* u li s-socjeta` intimata qed taccessa ghaliha permezz ta' din il-koncessjoni. Illi ghalhekk f'kull kaz ma jistax jinghad li s-socjeta` rikorrenti ghandha xi jedd *prima facie* kontra s-socjeta` Crimsonwing p.l.c. billi din m'hi qed tilledi l-ebda dritt intellettwali jekk mhux bil-kunsens tal-istess IBS Limited moghti lill-klijent imsemmi.

Referibbilment ghall-"customisations", rrizulta li hemm qbil li l-Partners ta' Microsoft setghu jaccessaw dawn il-"codes" izda ma setghux jibnu fuqhom. Izda, fin-nuqqas ta' *"terms and conditions"* stipulati fil-ftehim SPA, din il-Qorti certament mhix f'pozizzjoni tikkonkludi jekk fil-fatt, dawn kienu tpoggew fil-"Public domain" ifissirx li din tammonta ghal rinunzja tad-dritt ta' proprjeta'. Timothy Camilleri stess ikkonferma li l-klijenti tieghu kienu jinghataw il-licenzja, izda mhux il-proprjeta' peress li din tibqa' ta' IBS Ltd. F'dan il-kuntest, jigi osservat li r-rikorrent seta' facilment jesebixxi bhala prova, wiehed mill-kuntratti li hu kellu mal-klijenti tieghu, fejn hu accenna fix-xhieda tieghu li kien inizzel klawsola f'dan ir-rigward. Din il-Qorti tinnota li minflok gie esebit kuntratt f'dan is-sens, gew esebiti serje ta' e-mails

mal-klijent Pater meta kienu f'arbitragg, f'kontestazzjoni dwar il-hlas li ma sarx da parti tal-klijent. Ghaldaqstant, fil-mankanza ta' prova *prima facie,* din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal Mandat ta' Inibizzjoni lanqas fir-rigward tal-*"customisations*".

Inoltre`, lanqas gie spjegat u specifikat jekk is-socjeta` rikkorrenti hiex issostni li ghandha l-*'ownership'* kollu ta' dawn il-"customisations", jew jekk tiddistingwix meta jsiru modifikazzjonijiet minimi jew ohrajn sostanzjali. Ghalhekk, l-oggett stess tal-Mandat mhuwiex identifikat. *Di piu`,* gie sottolineat mill-avukat difensur tas-socjeta` intimata fit-trattazzjoni, li meta jsir "customer support" jew "bug fixing", dan dejjem isir fil-*Public Range*, u ma jinholoq l-ebda derivat jew proprjeta` intellettwali gdida. Fid-dawl ta' dan, jigi dedott li s-socjeta` rikorrenti tat biss alleggazzjonijiet dwar dan li ma gew bl-ebda mod ippruvati.

Ghalhekk, minn evalwazzzjoni tal-provi u tal-atti tal-kaz, ma jistax jigi determinat li s-socjeta` rikorrenti qed tgawdi jedd esklussiv fuq il-proprjeta` intelletwali in kwistjoni, peress li hemm mankanza ta' prova f'dan ir-rigward.

Gie sottolineat ukoll, mill-avukat difensur tal-intimat, fit-trattazzjoni, li ladarba gie stabbilit u anke hareg mix-xhieda li l-klijent ghandu access ghas-*software* kollu, aktar hu difficli li jigi determinat li dan hu dritt u jedd tas-socjeta` rikorrenti. Difatti, gie sottomess kemm fl-eccezzjonijiet tal-intimati, kif ukoll fit-trattazzjoni, li tezisti karenza ta' prova ta' kwalunkwe tip li s-*software* in kwistjoni kienet proprjeta`

intellettwali li taqa' taht il-"Private Range", u mhux "Public Range" kif jikkontendi li kien l-intimat, kif ukoll, nuqqas ta' prova dwar "source code", jew informazzjoni elettronika ohra li turi li effettivament kienet proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti. Is-socjeta` intimata, tramite l-avukat difensur taghhom, fit-trattazzjoni, rritenew li s-servizzi li taw f'dak li jirrigwarda "Customisations" ma jmurx kontra l-principju ta' Drittijiet tal-Awtur. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-argument hu validu u relevanti aktar u aktar meta, ikkunsidrat li da parti tas-socjeta` rikorrenti saru biss allegazzjonijiet generici, u ma gew indikati l-ebda "customisations" partikulari. Minbarra hekk, fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, kemm-il darba jigi milqugh il-Mandat hu difficli wiehed jiddetermina l-oggett tal-istess Mandat, u x'limitazzjonijiet *se mai* kellhom jigu imposti minghajr ma jigi identifikat b'aktar precizjoni u mhux b'riferenza vaga u generika.

Dan gie sostnut mis-socjeta` intimata, *tramite* l-avukat difensur taghha, kemm permezz tal-eccezzjonijiet u anke fit-trattazzjoni, li t-talbiet fir-rikors odjern huma vagi. Illi s-socjeta` rikorrenti ma indikatx x'inhuma l-customisations jew *'add-ons'* li qed jipprova jwaqqaf l-uzu taghhom ir-rikorrent. Difatti, d-drittijiet pretizi tas-socjeta` rikorrenti mhumiex specifikati bl-ebda mod. Ghaldaqstant, anke li kieku kellu jigi milqugh il-mandat, mhux car minn xhiex se jkunu prekluzi l-intimati. Jigi ritenut ukoll, li ma tressqet l-ebda prova dwar dan li tista titfa' dawl fuq il-materja in kwistjoni, bhala provi dokumentarji dwar is-*software* in kwistjoni, jew provi dwar is-'*source code*' uzat fl-uzu ta' dan is-*software*.

Ghalhekk, it-talba ghal dan il-Mandat kif dedotta taghti biss lok ghal ezercizzju spekulattiv u ipotetiku.

Illi galadarba l-ewwel element ma kienx sodisfatt, *stante* li z-zewg elementi huma kumulattivi, l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug ta' Mandat jekk ir-rekwiziti kollha minghajr eskluzjoni jibqghu mhux sodisfatti.

## III. <u>DECIDE</u>

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi, jirrizultalha li ma giex ippruvat '*prima facie*', d-dritt vantat mis-socjeta` rikorrenti u ghalhekk, ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tichad it-talba kif dedotta ghall-Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Novembru 2016**